**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 10 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 41/2016 AF**

**Aimen Said Giali El Baden**

**vs**

**L-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Aimen Said Giali El Baden li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Jirrizulta li l-esponent kien qed jigi processat kriminalment quddiem il-Qorti tal-Magistrati in konnessjoni ma' tlett kawzi penali li kienu jinvolvu pussess aggravat ossija b'intenzjoni ta' spacc u spacc effettiv ta' medicina perikoluza fil-konfini tac-Centru Korrezzjonali ta' Kordin waqt li kien qed jiskonta sentenzi ohra ta' prigunerija liema kawzi gew definiti rispettivament fil-11 ta' Ottubru 2012 u fil-21 ta' Novembru 2012 (Dok. A, Dok. B u Dok. C).

L-esponent mill-bidu nett kien sahaq li ma kienx hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u di fatti fir-rigward ta' tnejn mill-kawzi li fihom kien involut huwa dam circa tlett snin jikkontesta l-akkuzi lilu addebitati filwaqt li t-tielet kawza kienet giet introdotta fl-2012 stess u deciza ftit zmien wara.

Permezz ta' tnejn mis-sentenzai riferiti l-esponent gie kkundannat ghal zewg perjodi ta' tlett snin prigunerija, wara li l-Qorti kompetenti kienet ippremettiet b'emfasi li l-ammissjonijiet dedotti minnu ma kienux sehhu fi stadju bikri izda ghall-kuntrarju fi stadju inoltrat tal-proceduri, filwaqt li permezz tas-sentenza l-ohra huwa gie kkundannat sentejn u nofs prigunerija oltre l-hlas ta' multi ammontanti komplessivament ghal hamest elef u hames mitt Ewro li kellhom jigu konvertiti f'157 gurnata ta' prigunerija f'kaz ta' inadempjenza fil-hlas u in oltre gie ordnat li jhallas l-ispejjez relatati man-nomina ta' esperti gudizzjarji ammontanti globalment ghal €57 Ewro u konvertibbli f'31 gurnata ta' prigunerija f'kaz ta' inadmepjenza fil-hlas, b'kollox disa' snin u sitt ijiem prigunerija.

Jirrizulta wkoll li kien sar trattat bejn il-Gvern Malti u l-Gvern Libjan fl-14 ta' Ottubru 1994 li permezz tieghu prigunieri Libjani li kienu qed jiskontaw sentenzi ta' prigunerija fis-CKK setghu jigu trasferiti biex jiskontaw is-sentenzi ta' prigunerija fuqhom inflitti minn Qrati kompetenti Maltin f'habsijiet Libjani filwaqt li cittadini Maltin li kienu qed jiskontaw sentenzi ta' prigunerija f'habsijiet Libjani setghu jigu trasferiti biex jiskontaw is-sentenzi fuqhom inflitti mill-Qrati kompetenti Libjani fic-CKK.

Biex prigunier detenut fil-habsijiet tal-pajjizi rispettivi seta' jikkwalifika ghat-trasferiment kien tenut li jissodisfa ghadd ta' rekwiziti kontemplati mit-Trattat su citat kompriz rekwizit li huwa fis-sens li l-kawza/i penali li fih detenut ikun involut jehtieg li jkun definit u jkun ghadda in gudikat.

Ghalhekk, per ezempju, fil-kaz ta' prigunier Libjan li ried jigi trasferit biex jiskonta s-sentenza tieghu f'habsijiet Libjani izda però l-process penali li fih kien involut ma kienx ghadu gie definit, biex tali prigunier jigi konformi mar-rekwizit riferit fil-

paragrafu precedent tal-prezenti, huwa kellu l-ghazla li jammetti l-htija tieghu fl-Ewwel Grad u generalment kien isir process ta' patteggjament li kien iwassal ghad-definizzjoni tal-kawza. B'hekk is-sentenzi talvolta moghtija kienu jghaddu in gudikat stante li l-imputat, allura hati, ma kienx iressaq appell quddiem il-Qorti kompetenti propju biex is-sentenza tkun tista' tghaddi in gudikat. Fil-kontingenza li process penali kien ikun jinsab fl-istadju tal-Appell, il-prigunier kellu l-alternattiva li jcedi l-appell minnu intavolat b'mod li s-sentenza moghtija fl-Ewwel Grad kienet issir definittiva u tghaddi in gudikat.

Il-process amministrattiv relatat mat-trasferiment tal-prigunier biex jiskonta s-sentenza fuqu inflitta f'habsijiet Libjani kien jibda permezz ta' applikazzjoni preskritta li kienet titressaq mid-detenut quddiem l-awtoritajiet kompetenti fic-CKK li wara kien jigi trasferit lill-Ministeru tal-Gustizzja ghalkemm sussegwentement l-applikazzjonijiet bdew jigu sottomessi lill-Ministeru tal-intern u Sigurtà Nazzjonali.

Il-mottiv ghala, per ezempju prigunier Libjan kien jippreferi li jiskonta s-sentenza tieghu f'habsijiet Libjani kien dovut ghal fatt senjatament li b'dan il-mod huwa seta' jkun fil-qrib tal-familja tieghu fil-Libja li ghalhekk setghu iziru lis-sentenzjat regolarment u b'hekk jevitaw l-aggravju tal-ispejjez konsiderevoli li kellhom jissopportaw biex izuru lill-qraba taghhom f'Malta u li kienu detenuti fic-CKK. Dana l-arrangament kien ta' beneficcju kbir ghad-detenut kif ukoll ghall-qraba tieghu u di fatti kienu applikaw ghexieren ta' detenuti Libjani detenuti fic-CKK biex jibbenefikaw mill-provvedimenti tat-Trattat riferit u kif intqal, spiss kien jirrizulta li biex jintlahaq dana l-ghan detenuti Libjani li kien ghad ghandhom kawza li kienet ghadha pendenti kienu jeddecudu ammissjoni fl-Ewwel Grad jew jirtiraw l-appell talvolta prezentat minnhom quddiem il-Qorti kompetenti. Effettivament din il-procedura fejn detenut jiddecudi ammissjoni fl-Ewwel Grad jew jirtira appell minnu intavolat b'dana l-mottiv kienet indrat matul il-perjodu ta' cirka 14-il sena minn meta l-provvedimenti tal-imsemmi Trattat kienu bdew jigu moghtija effett matul liema zmien, kif intqal, ghexieren ta' prigunieri Libjani gew trasferiti f'habsijiet Libjani u ghalhekk din il-procedura kienet meqjusa bhala procedura li

setghet tigi addottata minghajr problemi billi kienet twassal b'mod l-aktar naturali u inesorabilment ghat-trasferiment tal-prigunier koncernat biex ikun jista' jiskonta sentenza fuqu inflitta minn Qorti kompetenti Maltija f'habsijiet Libjani skond iz-zewqa tad-detenut u tal-familja tieghu.

Kif già riferit, jirrizulta li matul iz-zmien li l-esponent kien qieghed detenut fic-CKK in konnessjoni ma' kawzi penali ohra li kienu già gew decizi huwa allegatament kien involut f'tlett incidenti separati li kienu jinvolvu pussess aggravat ta' medicina perikoluza u spacc ta' medicina perikoluza f'okkazjoni ohra u dan fil-konfini tac-CKK u di fatti huwa kien qed jigi processat kriminalment relattivament ghal dawn il-kazijiet ghalkemm kif intqal l-esponent mill-bidu nett kien ikkontenda strenwament li ma kienx hati tal-akkuzi lilu addebitati.

Bhala fatt, fil-kors tas-smiegh ta' dawn il-kawzi kienet nibtet fl-esponent ix-xewqa kbira li jkun qrib il-familjari tieghu fil-Libja specjalment ta' ommu.  Però anke l-familjari tieghu kellhom l-istess xewqa ghar-ragunijiet aktar 'il fuq fuq riferiti u din ix-xewqa mal-moghdija taz-zmien saret impellenti ghall-esponent u anke ghall-familjari tieghu.

F'dana l-isfond, in vista tal-fatt li ebda wahda mill-kawzi li fihom l-esponent kien involut ma kienu gew definiti huwa kien ta struzzjonijiet lill-avukat difensur tieghu biex jidhol fi trattativi mal-Prosekuzzjoni biex il-kawzi li kien involut fihom jigu patteggjati fl-iqsar zmien possibbli biex l-esponent ikun f'qaghda li jiddecudi ammissjoni fir-rigward ta' dawn il-kawzi bl-iskop li l-istess jigu definiti biex wara l-iskadenza tat-terminu kontemplat mill-Ligi biex jitressaq appell, is-sentenzi talvolta moghtija fil-konfront tieghu jkunu jistghu jghaddu in gudikat in difett tal-presentata ta' appell.  L-ghan ahhari tal-esponent kien li f'daka l-istadju kien ikun f'posizzjoni li japplika biex jigi trasferit f'habs Libjan.  Però kien inqala dissidju bejn l-esponent u d-difensur tieghu billi l-esponent, li ried senz'altru li jigi trasferit biex jiskonta s-sentenza tieghu f'habs Libjan fl-iqsar zmien possibbli, kien deherlu li l-process ta' patteggjament kien qed jitwal wisq u kien iddecieda li jbiddel id-difensur tieghu u kien inkariga lis-sottofirmat biex jibda jippatrocinah b'inkarigu specifiku biex jikkonkludi l-process ta' patteggjament

kemm jista' jkun malajr u di fatti l-esponent kien ghamel pressjoni immensa fuq id-difensur gdid tieghu biex il-process ta' patteggjament jigi finalizzat minghajr dewmien biex l-esponent ikun jista' jghaddi biex jirregistra ammissjoni in rigward it-tlett kawzi penali li kellu pendenti quddiem il-Qorti kompetenti biex jilhaq l-iskop surriferit.

Effettivament il-process ta' patteggjament gie finalizzat malajr hafna taht pressjoni incessanti mill-esponent b'dana però li huwa kellu jissokkombi ghal pieni pjuttost iebsin tant li l-esponent gie kkundannat ghal terminu ta' tmien snin u nofs prigunerija globalment u ghal hlas tal-multi ammontanti komplessivament ghal 5500 Ewro oltre l-hlas tal-ispejjez relatati man-nomina ta' esperti mill-Qorti kompetenti. Naturalment li kieku l-esponent kien ikkontesta l-akkuzi dedotti kontra tieghu seta' potenzjalment jigi liberat minn wiehed jew aktar mill-akkuzi dedotti kontra tieghu oltre li jiffranka wiehed jew aktar mill-multi fuqu inflitti oltre l-ispejjez peritali. In oltre kien jevita l-applikazzjoni tar-recidiva. Però l-uniku skop li kellu l-esponent kien biex jikkwalifika biex imur jiskonta s-sentenzi moghtija fil-konfront tieghu f'habsijiet Libjani u f'dak l-istadju ma kien hemm ebda xkiel li seta' jimpedih milli jilhaq dana l-ghan. Ghalhekk meta l-kawzi penali li fihom kien involut gew decizi kif aktar 'il fuq riferit, huwa ma pprezenta ebda appell u wara li skada t-terminu preskritt ghall-presentata tal-appelli relattivi l-esponent ghadda minnufih biex japplika biex jigi trasferit biex jiskonta s-sentenzi li kienu gew moghtija kontra tieghu f'habsijiet Libjani.

Però meta l-applikazzjoni tieghu kien qed jigi processat gie stabbilit kriterju li ma kienx gie stabbilit aktar qabel mill-Ministeru tal-Intern u Sigurtà Nazzjonali fis-sens li detenuti Libjani misjuba hatja ta' omicidju volontarju ma kellhomx jikkwalifikaw biex jiskontaw s-sentenzi fuqhom inflitti f'habsijiet Libjani izda kellhom jiskontaw s-sentenzi taghhom fic-CKK. In effetti l-esponent kien instab hati ta' omicidju volontarju kommess meta kellu sbatax-il sena.

L-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jiddisponu

li kull persuna akkuzata bit-twettiq ta' reat kriminali hija intitolata ghal smiegh xieraq.

Effettivament f'dan il-kaz, issussistew cirkostanzi, aktar 'il fuq indikati, li kienu palesement atipici u certament ta' natura straordinarja u li evidentement irrendew il-process penali li ghalih l-esponent kien parti koncettwalment difettuz u ghalhekk inerentement ingust u dan mhux in vista ta' xi decizjoni partikolari li ha l-gudikant jew tal-agir tal-Prosekuzzjoni izda fl-isfond tas-sussistenza ta' tali cirkostanzi straordinarji li kienu kjarament sui generis fis-sens tal-kelma tant li huwa safa zvijat u ghalhekk indott biex jirrinunzja ghad-dritt sagrosant tieghu f'socjetà demokratika bazata fuq id-Dritt li jikkontesta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.  L-esponent safa zvijat mhux in vista ta' xi nuqqas da parti tieghu konsistenti f'negligenza jew non-kuranza tal-interessi tieghu izda in vista tal-fatt li huwa ma kellu ebda kontroll fuq ic-cirkostanzi li kkaratterizzaw dan il-kaz u evidentement ma setax jippercepixxu li kienu ser javverjaw ruhhom stante li kienu cirkostanzi indipendenti mill-volontà tieghu u supervenienti ghad-decizjoni li ha li jiddecudi ammissjoni fit-tlett kawzi li fihom kien involut u sussegwentement li ma jressaqx appell biex ikun jista' jigi trasferit f'habs Libjan.  Dan sehh konsegwenti ghal process ta' patteggjament li sar fuq inizjattiva tal-esponent stess fl-isfond tar-rekwiziti tal-imsemmi Trattat li kienu japplikaw meta l-kawzi relattivi gew patteggjat izda li gew riveduti wara li s-sentenzi moghtija fil-konfront tieghu kienu ghaddew in gudikat.  F'dana l-isfond l-process ta' patteggjament interkors gie rez ivvizzjat u ghalhekk ex ipotesi ingust u fl-istess hin l-ammissjonijiet dedotti mill-esponent sussegwentement kienu wkoll ivvizzjati.  Effettivament l-esponet qatt ma seta' janticipa jew jipprevedi li l-kriterji biex detenut seta' jikkwalifika biex jigi trasferit fil-Libja kienu ser jitbiddlu ghax f'dina l-ipotesi huwa evidentement ma kienx jiddeduci ammissjoni fil-kawzi penali li fihom kien koinvolt.

M'hemm ebda dubju li c-cirkostanzi surriferiti kellhom l-effett li joholqu zbilanc processwali li ppregudika gravament lill-esponenti u fl-istess hin taw vantagg indebitu lill-Prosekuzzjoni ghad li evidentement l-istess Prosekuzzjoni ma kellha ebda rwol biex jigi akkwizit tali vantagg processwali.

Fl-isfond tac-cirkostanzi indikati supra l-process penali li ghalihom l-esponent kien parti gew resi evidentement ingusti b'mod li d-dritt fondamentali tieghu ghal smigh xieraq kif protett mid-disposizzjonijiet aktar' il fuq riferiti safa vjolat.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li fid-dawl tac-cirkostanzi suesposti id-dritt fondamentali tieghu ghal smigh xieraq imhares mill-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem sfaw vjolati billi l-ammissjonijiet minnu dedotti fir-rigward tal-kawzi penali surriferiti avveraw ruhhom f'cirkostanzi straordinarji u li altrimenti tali ammissjonijiet ma kienux jigu minnu registrati kif aktar 'il fuq indikat.

2. Thassar u tirrevoka s-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali rispettivament fil-11 ta' Ottubru 2012 u fil-21 ta' Novembru 2012.

3. Tqieghed lill-esponent fil-posizzjoni legali li kien fih fl-istadju precedenti, qabel gew dedotti l-ammissjonijiet minnu fir-rigward tal-kawzi penali li fihom kien involut.

4. Tirrinvija l-atti processwali relattivament ghall-kawzi aktar 'il fuq riferiti lill-Qorti tal-Magistrati ghad-definizzjoni ulterjuri taghhom.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi in suċċint il-lanjanza tar-rikorrentii hija fis-sens li l-ammissjonijiet li rregistra fi tliet kawzi kriminali relatati ma` pussess u traffikar ta' droga huma lezivi tad-drittijiet fundamentali tieghu rigward il-jedd ghal smigh xieraq u dan bi

ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u tal- Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi l-esponent jirrespingi dawn l-allegazzjonijiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li, kif ser jigi spjegat aktar 'l isfel, l-ebda agir ta' l-esponent ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrentii.

***Rimedju Ordinarju***

1. Illi in linea preliminari, l-esponenti jeccepixxi li r-rikorrenti ma ezawriex ir-rimedji ordinarji li taghtih il-ligi. Il-principji li jirregolaw il-materja tat-twettiq ta' rimedji ordinarji fl-isfond tal-azzjonijiet kostituzzjonali jinsabu fl-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Fihom insibu specifikat li l-qorti b`kompetenza kostitutuzzjonali ghandha tirrifjuta milli tinqeda b'dawn is-setghat specjali moghtija lilha mil-ligi, jekk kemm-il darba hija tkun sodisfatta li kien hemm disponibbli mezzi xierqa ta' rimedju taht il-ligi ordinarja biex jindirizzaw il-pretensjonijiet tar-rikorrentii.

2. Illi r-rikorrenti qieghed jilmenta mis-sejbien ta' htija f'ben tliet kawzi differenti minn decizjonijiet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u dan wara li hu stess ammetta l-akkuzi migjuba kontrih. Permezz ta' dawn is-sentenzi il-Qrati kriminali ikkundannaw lir-rikorrenti ghal-diversi pieni ta' prigunerija. L-ilment tar-rikorrenti jidher li huwa ibbazat fuq il-fatt li skond hu ammetta ghall-akkuzi migjuba kontrih ghaliex kellu aspettativa (mhux legittima) li se jiskonta s-sentenzi ta' habs gewwa l-Libja u mhux Malta! Dwar dan l-esponent jirrileva minnufih li jekk ir-rikorrenti hassu aggravat fil-proceduri kriminali intavolati kontrih dejjem seta' jirrikorri ghar-rimedju ordinarju li taghtih il-ligi u cioè dritt ta' appell fil-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri).

3. Tassew mhuwiex gust li r-rikorrenti halla opportunità tar-rimedju ordinarju tghaddi inutilment. Jekk haseb li kien hemm xi nuqqas procedurali hu kien messu qanqlu fil-

mument opportun u quddiem.  Ir-rikorrenti instab hati mill-Qorti tal-Magistrati abbazi tal-ammissjonijiet tieghu stess meta kien meghjjun minn avukat u allura jekk dehrlu li dawk l-ammissjonijiet kienu vizzjati jew b'xi mod irregolari dejjem setgha jintavola appell sabiex il-Qorti tal-Appell Kriminali finalment tiddeciedi fuq dan il-punt. Certament li d-disposizzjonijiet ta' natura kostituzzjonali mhumiex intizi bhala l-ahhar refugju meta persuna thalli termini provduti  taht il-ligi ordinarja, f'dan il-kaz il-Kodici Kriminali, jiddekorru inutilment imbaghad jittanta jaghti xejra ta' ksur ta' drittijiet fundamentali lil tali nuqqas.

4. Ghaldaqstant huwa opportun illi dina l-Onorabbli Qorti tiddeklina milli tezercita l-poteri taghha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* ghall-Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta *stante* l-ezistenza ta' mezzi ordinarji ta' rimedju.

***<u>Mertu</u>***

5. Illi f'kull kaz ghal dak li jirrigwarda l-mertu tal-ilment odjern, l-esponent jissottometti li effettivament l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li sabiex jigi garantit d-dritt ghal smigh xieraq, is-smigh ghandu jsir fi zmien ragjonevoli, u jinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali imwaqqfa b'ligi.  L-artikolu 6 tal-Kap 319 imur ftit oltre meta jipprovdi li s-smigh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi.  **Illi minn dawn l-elementi kollha msemmija, ir-rikorrentii lanqas element wiehed ma elenka jew ilmenta minnu**.

6. Illi l-esponent ikompli jirrileva li l-atti processwali huma in ottemperanza mad-disposizzjonijiet kollha tal-Kodici Kriminali kif jirrizulta mill-istess atti. Tant kienu in ottemperanza li l-istess rikorrenti ammetta ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Allura f`dan ix-xenarju wiehed bilfors isaqsi kif l-ilment tar-rikorrenti jista jinkwadra ruhu f'dak kontemplat fil-Kostituzzjoni u/jew fil-Konvenzjon Ewropea? Kif digà inghad, ir-rikorrenti

**ammetta** ghall-akkuzi fi tliet kawzi differenti meta inghata lilu l-possibilità kollha li jkompli jikkontestahom. Però hu ghazel volontarjament u liberament li jikkonferma l-ammissjonijiet tieghu anke wara li l-Qorti tal-Magistrati wissietu dwar l-konsegwenzi ta' ammissjoni u inghata wkoll zmien biex jirrifletti dwarha. Galadarba r-rikorrenti ikkonferma il-volontà tieghu li jammetti, l-Qorti tal-Magistrati ma kellha l-ebda ghazla ohra hlief li tikkundannah u timponi pieni karcerarji. Kieku ir-rikorrenti kien konvint dwar l-innocenza tieghu messu kompla jikkontesta l-akkuzi migjuba kontrih. Bl-ammissjoni tieghu, ir-rikorrenti kien qieghed jassumi r-responsabbilità shiha ta' dik id-decizjoni tieghu, b'dana li huwa kien qed jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar il-piena li l-Qorti tal-Magistrati setghet tasal ghaliha.

7. Illi jekk ir-rikorrenti inghata parir li jammetti l-akkuzi bl-intiza li hu jiskonta l-kundanni gewwa il-Libja dan kien certament parir hazin. Dan qed jinghad ghaliex ma hemm l-ebda ligi li tipprovdi li persuna misjuba hatja ghandha dritt taghzel hi fejn tiskonta piena karcerarja u zgur li ma hemm l-ebda dritt fundamentali f'dan is-sens. Marbut ma dan jinghad ukoll li l-post jew il-pajjiz fejn detenut ghandu jiskonta sentenza ta' habs hija kwistjoni purament amministrattiva li ma tirrigwardax strettatment lil-Qrati jew il-procedura kriminali.

8. Jigi rilevat ukoll, li ghalkemm ir-rikorrenti instab hati ta' tliet kawzi relatati mal-abbuz u traffikar ta` droga (kif elenkati minnu), hu kien digà qieghed il-habs sabiex jiskonta piena karcerarja ohra dwar reat ferm serju. Fil-fatt, ghalkemm fir-rikors promotur ir-rikorrenti ma jsemmi kwazi xejn dwar dan, tajjeb li jigi enfassizat li r-rikorrenti instab hati mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza moghtija fit-28 ta' Settembru 2004 fil-kawza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Aimen Said Giali El Baden*** li kkommetta r-reat ta' **omicidju volontarju** u ta' dan id-delitt gie ikkundannat hamsa u ghoxrin sena (25) prigunerija. L-istat Malti ghandu kull dritt jiddetermina li f'kazijiet ta' certa gravità, bhal ma hu omicidju volontarju,

l-hati ghandu jiskonta s-sentenza f'Malta tenut kont tal-fatt li r-reat sehh fit-territorju Malti.

9. L-argument tar-rikorrenti li hu ammetta ghal-akkuzi ghax haseb li ser jiskonta l-kundanni gewwa l-Libja dan wahdu ma jnaqqas xejn mir-regolarità tal-proceduri kriminali istitwiti kontra tieghu. Li hu taht skrutinju f`kawza bhal din huwa jekk ir-rikorrenti kellux smigh xieraq jew le u jekk gewx imharsa certu principji bazilari f'kawza penali bhal per ezempju l-prezunzjoni ta' l-innocenza tal-akkzuat u l-grad tal-prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni u f'dan ir-rigward jirrizulta bl-aktar mod car li ma hemm xejn fil-proceduri kriminali li b'xi mod jiksru dan id-dritt fundamentali.

10. Għal dawn ir-raġunijiet kollha jirrizulta li ma hemm ebda ksur tal-jeddijiet tar-rikorrenti kif imħarsa taħt l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** jew l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni**.

***<u>Dwar ir-Rimedju mitlub</u>***

11. Illi bhala rimedju ir-rikorrenti qed jitlob kemm dikjarazzjoni ta' lezjoni kif ukoll sahanistra li jigu revokati s-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati.

12. Fir-rigward l-esponent jirrileva li d-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-mertu izda jiggarantixxi biss il-harsien ta' certi principji procedurali li huma indispensabbli ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha mhijiex li tirrevedi s-sentenzi u l-quantum tal-pieni moghtija minn Qrati ohra izda hija limitata li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni. Marbut ma' dan l-esponenti jirreferi għall-awturi ***Jacobs and White*** fejn fil-pubblikazzjoni tagħhom ***The European Ċonvention on Human Rights*** (paġna 140) josservaw illi, '***<u>a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgment, as the case may be</u>***";

13. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

14. Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra tieghu.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ dawn il-proċeduri, ir-rikorrenti qiegħed jitlob lil din il-Qorti ssib illi t-tlett sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Jurgen Vella) vs Aimen El Baden**, **Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Aimen Said Giali El Baden** u **Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara) vs Aimen El Badi** deċiżi waħda fil-11 ta’ Ottubru 2012 u tnejn fil-21 ta’ Novembru 2012 jiksru d-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit permezz tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Mill-atti jirriżulta li r-rikorrenti qiegħed jiskonta piena karċerarja wara li nstab hati ta’ qtil volontarju. Waqt illi kien qiegħed jiskonta l-piena ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta’ Kordin, huwa nstab illi kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina u cannabis u għaldaqstant, ittieħdu proċeduri kriminali kontrih għall-pussess u traffikar tad-droga fil-ħabs.

Fil-frattemp, ir-rikorrenti, li huwa Libjan, xtaq illi jibbenifika mit-Trattat bejn il-Gvern Malti u dak Libjan li permezz tiegħu huwa seta’ jitlob illi jkompli jiskonta l-piena karċerarja ġewwa ħabs f’pajjiżu. Peress li ġie infurmat li t-talba tiegħu ma kienitx ser tiġi kunsidrata dment li jkollu pendenti kontrih xi proċeduri kriminali, ir-rikorrenti u l-prosekuzzjoni qablu dwar patteġjament tal-piena.

Ir-rikorrenti instab ħati ta' pussess u traffikar ta' droga mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali wara li ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontrih. Il-Qorti waslet għas-sejbien ta' ħtija wara li kkunsidrat il-provi kollha prodotti kif ukoll l-ammissjoni tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti ġie kundannat għal pieni karċerarji addizzjonali, multi, kif ukoll ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż tal-esperti maħtura mill-Qorti.

Wara li għaddew in ġudikat is-sentenzi tal-Qorti, ir-rikorrenti talab sabiex jiġi trasferit għall-ħabs ġewwa l-Libja. Madanakollu, it-talba tiegħu ġiet rifjutata. Ir-raġuni kienet illi dawk li ġew misjuba ħatja ta' reati ta' omiċidju volontarju ma kinux eliġibbli sabiex jibbenefikaw minn dan l-akkordju bejn iż-żewġ pajjiżi. Skont ir-rikorrenti, din il-kundizzjoni ma kienitx teżisti fi żmien illi huwa ammetta għall-akkużi ta' pussess u traffikar ta' droga quddiem il-Qorti.

Ir-rikorrenti jikkontendi li huwa ammetta għall-akkużi miġjuba kontrih biss sabiex ikun jista' jiskonta l-piena karċerarja fil-Libja. Huwa jsostni li kieku l-kundizzjoni li żammet lill-awtoritajiet milli jilqgħu t-talba tiegħu kienet teżisti fiż-żmien illi ammetta għall-akkużi, huwa kien ikompli jipprotesta l-innoċenza tiegħu u potenzjalment ma kienx jinstab ħati mill-Qorti. Jgħid għalhekk illi ġie leż id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq stante li fl-imsemmija proċeduri kriminali ma ġiex rispettat il-prinċipju ta' *equality of arms* għaliex ma setax jikkontrolla l-evidenza u xhieda miġjuba kontra tiegħu.

L-ewwel sub inċiż tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jaqra hekk:

> *"Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."*

Ir-rikorrenti jinvoka wkoll l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Dan jaqra hekk:

> *"Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kullħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien*

*raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b' liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'soċjeta demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja*."

Fis-sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrenti jagħmel riferenza wkoll għall-artikolu 6(3)(d) li jaqra hekk:

*"Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*

*(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;"*

Il-Qorti tqis illi f'din il-kawża għandha tibda billi tenfasizza li huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea, li l-funzjoni ta' din il-Qorti m'hijiex li sservi ta' qorti ta' reviżjoni ta' sentenzi ta' qrati oħra. Kif spjegat il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali tal-Fgura et, deċiża fit-8 ta' Jannar 2010:

"*Din il-Qorti tibda biex tirrileva li hi ma tistax u m'ghandiex isservi bhala Qorti tat-tielet istanza, u m'ghandiex tirrevedi l-proceduri ta' quddiem il-Qrati Ordinarji jew l-analizi tal-fatti li dawn ikunu ghamlu, biex sempliciment timponi l-opinjonijiet taghha flok dawk tal-Qrati Ordinarji. Din mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti (u anqas tal-Prim Awla fil-kompetenza taghha kostituzzjonali). Li trid tara din il-Qorti huwa jekk id-decizjoni tal-Qrati Ordinarji, fil-kuntest tal-fattispecie ta' dan il-kaz, ittiehditx b'mod li gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti*."

L-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet J.E.M. Investments vs Avukat Ġenerali, tat-30 ta' Settembru 2011 irriteniet:

*"23. Illi kif tajjeb osservat il-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), u fuq dan jaqblu l-intimati u anke s-socjeta` rikorrenti, id-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-<u>meritu</u> izda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' certi <u>principji procedurali</u> (indipendenza u imparzjalita` tal-Qorti u tal-gudikant, audi alteram partem u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi 'sewwa' jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea.*

*24. Effettivament il-Qorti Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem dejjem sostniet li:*

*a. "The question whether proceedings have been 'fair' is of course quite separate from the question whether the tribunal's decision is correct or not. As the Commission has frequently pointed out under its so called "fourth instance formula", it has no general jurisdiction to consider whether domestic courts have committed errors of law or fact, its function being to consider the fairness of the proceedings". (**Application 6172/73, X v. U.K**.)."*

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Emmanuel Camilleri vs Avukat Ġenerali tat-28 ta' Ġunju 2012 irriteniet:

*"Illi huwa opportun hawnhekk li l-Qorti taghmel referenza ghal ktieb ta' **Jacobs and White**, The European Convention on Human Rights, Third Edition, fejn f'pagna 140, fejn l-awturi jikkummentaw fuq l-hekk imsejha "**fourth instance" doctrine**, u l-kuncett zbaljat li jezisti dwar is-sistema tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti qed tislet minn dan il-ktieb dawn il-principji:*

> ***1. The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts.***
>
> ***2. The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention.***
>
> ***3. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on.***
>
> ***4. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgement, as the case may be.***
>
> ***5. The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts.***"

Finalment, kif irriteniet reċentement din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et tad-29 ta' Settembru 2016:

> *"Illi l-Qorti tibda biex tgħid li huwa stabbilit li bil-kliem 'smigħ xieraq' wieħed jifhem li l-proċess ġudizzjarju jkun tmexxa b'ħarsien tar-regoli stabiliti fil-Konvenzjoni. Għalhekk, is-setgħat ta' din il-Qorti fil-kompetenza li fiha tressqet quddiemha l-kawża tar-rikorrenti mhuwiex dak li tagħmilha ta' qorti ta' appell fuq il-Qrati ta' kompetenza kriminali li quddiemhom instema' l-każ tar-rikorrenti u li taw is-sentenzi li minnhom jilminta. F'dan ir-rigward, xogħol din il-Qorti huwa dak li tara li ma seħħx ksur ta' xi jedd imħares mill-Konvenzjoni, u mhux li tara jekk is-sentenzi tal-qrati l-oħra li dwarhom jilminta r-rikorrenti qatgħux sewwa l-mertu li kellhom quddiemhom."*

In linea preliminari, l-Avukat Ġenerali jeċċepixxi li r-rikorrenti kellu rimedju ordinarju effettiv għad-disposizzjoni tiegħu, u ċioè li jappella mis-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali f'każ illi ħassu aggravat bid-deċiżjonijiet tal-Qorti.

Din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Edgar Publio Bonnici Cachia vs Avukat Ġenerali, tad-29 ta' April 2014, elenkat is-segwenti prinċipji li jemerġu mill-ġurisprudenza li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li rikorrenti kellu għad-dispozizzjoni tiegħu rimedju alternattiv effettiv:

> "*(a) Meta jidher car li jesistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrenti ghandu jirrikorri ghal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali.*
>
> *(b) Ghandha torbot id-diskrezzjoni tal-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma` kawza ta` natura kostituzzjonali, sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta` illegalita`, ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha.*
>
> *(c) Ma hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-uzu ta` din id-diskrezzjoni, billi kull kaz irid jitqies fuq il-fatti u c-cirkostanzi tieghu.*
>
> *(d) In-nuqqas wahdu ta` tehid ta` mezzi ordinarji mir-rikorrenti mhuwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta` xejra kostituzzjonali tiddeciedi li ma tuzax is-setghat taghha li tisma` l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrenti.*
>
> *(e) In-nuqqas ta` tehid ta` rimedju ordinarju – ukoll jekk seta` kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrenti - minhabba l-imgieba ta` haddiehor m`ghandux*

*ikun raguni biex il-Qorti ma tezercitax is-setghat taghha li tisma` l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrenti.*

*(f) L-ezercizzju minn Qorti tal-ewwel grad tad-diskrezzjoni taghha bla ma tistharreg il-materja necessarja li fuqha tali diskrezzjoni ghandha titwettaq, jaghti lil Qorti tat-tieni grad is-setgha li twarrab dik id-diskrezzjoni.*

*(g) Meta r-rimedju jaqa` fil-kompetenza ta` organu iehor jew meta s-smigh tal-ilment tar-rikorrenti sejjer iwassal biex l-indagni gudizzjarja u l-process l-iehor tas-smigh tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta` xulxin, il-Qorti kostituzzjonali ghandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza s-setghat taghha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja tal-kaz ma tkunx, min-natura taghha, ixxaqleb izjed lejn kwistjoni kostituzzjonali.*

*(h) Fuq kollox, l-uzu tad-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata bi prudenza, u b`mod li fejn jidher li hemm ksur serju ta` drittijiet fondamentali jew anke fejn sejjer ikun hemm ksur ta` dawk id-drittijiet, allura l-Qorti ghandha xxaqleb lejn it-twettiq ta` dawk is-setghat."*

Applikati dawn il-prinċipju għall-każ illi għandha quddiemha llum, il-Qorti tqis li mhuwiex il-lok li tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali. Dan għaliex ir-rikorrenti jikkontendi li ma setax jagħmel it-talba tiegħu sabiex jiskonta l-piena fil-ħabs il-Libja qabel is-sentenzi tiegħu għaddew in ġudikat, u allura naturalment huwa ma setax jirrikorri għall-appell mid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti.

Fil-mertu, l-Avukat Ġenerali jeċċepixxi li ma seħħet l-ebda leżjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti għal smigħ xieraq stante li ġew rispettati l-prinċipji kollha li jitolbu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni kif ukoll li r-rikorrenti ammetta l-akkużi miġjuba kontrih volontarjament u liberament. Jeċċepixxi wkoll li ma hemm l-ebda liġi li tagħti dritt lir-rikorrenti jagħżel fejn ser jiskonta piena karċerarja.

Ir-rikorrenti jilmenta minn ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu għaliex jgħid li fil-proċeduri kriminali *de quo* ma ġiex

rispettat il-prinċipju tal-*equality of arms* kif ukoll li ma setax jagħmel kontro eżami lix-xhieda tal-prosekuzzjoni bi ksur tal-artikolu 6(3)(d) tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan għaliex jgħid li ammetta l-akkużi biss sabiex ikun jista' jiskonta l-piena karċerarja ġewwa l-Libja.

Dwar il-prinċipju tal-*equality of arms* ingħad hekk mill-Qorti Ewropea fil-każ ta' Huseyn and Others v Azerbaijan tas-26 ta' Lulju 2011:

> "*That right means, inter alia, the opportunity for the parties to a trial to present their own legal assessment of the case and to comment on the observations made by the other party, with a view to influencing the court's decision.*"

Hekk ukoll, kif ingħad mill-istess Qorti fil-każ A.B. v Slovakia tal-4 ta' Marzu 2003:

> "*The principle of equality of arms – one of the elements of the broader concept of a fair trial – requires that each party should be afforded a reasonable opportunity to present his or her case under conditions that do not place him or her at a substantial disadvantage vis-a-vis his or her opponent.*"

Il-funzjoni ta' din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha huwa li tqis il-proċeduri kriminali fit-totalità tagħhom, fis-sens illi tistħarreġ jekk fil-mod kif kienu kondotti dawk il-proċeduri kienx hemm ksur tad-drittijiet fundamentali. Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi fil-konfront tar-rikorrenti la kien hemm *inequality of arms* u lanqas ksur ta' xi jedd ieħor li jaqa' taħt il-kappa tad-dritt għal smigħ xieraq.

Ir-rikorrenti irrinunzja għad-dritt li jressaq id-difiża tiegħu għall-akkużi miġjuba kontrih meta ammetta l-istess akkużi bħala parti mill-patteġjament li laħaq mal-prosekuzzjoni, ma jistax issa jilmenta li ma ngħatax smigħ xieraq qisu ma kienx jaf il-konsegwenzi ta' egħmilu.

Huwa ammetta l-akkużi quddiem il-Qorti u tenna dik l-ammissjoni wara li ngħata żmien jerġa jaħsibha, u jekk jidhrilu, jeħoda lura. Ladarba r-rikorrenti għażel it-triq tal-

patteġjament sabiex iħaffef il-proċess u jkun jista' japplika għat-trasferiment, ma jistax issa, wara li l-applikazzjoni tiegħu sabiex imur jiskonta l-piena l-Libja ġiet rifjutata, imur lura minn dik l-ammissjoni għaliex ma ottjeniex li ried. Ir-rikorrenti ammetta għax ried hu, għax ried li jingħalqu l-proċeduri kontrih mill-aktar fis sabiex it-talba tiegħu tkun tista' tigi kkunsidrata. Il-fatt illi xorta waħda ma ġietx aċċettata ma jfissirx illi l-proċeduri kriminali jilledu d-drittijiet fundamentali tiegħu. Fuq kollox, sabiex jagħmel it-talba tiegħu ma riedx ikollu kawżi pendenti u mhux kellu bilfors jammetti għar-reati li bihom ġie akkużat. Huwa seta' faċilment kompla jiġġieled l-akkużi u jitlob li jiġi trasferit meta l-proċeduri jiġu fi tmiemhom.

Din il-Qorti tqis illi huwa opportun li jiġi ċitat is-segwenti bran mid-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fil-każ ta' Natasvlishvili and Togonidze v. Georgia, tad-29 ta' April 2014, proprju dwar il-patteġġjament:

> "*The Court thus observes that by striking a bargain with the prosecuting authority over the sentence and pleading no contest as regards the charges, the first applicant waived his right to have the criminal case against him examined on the merits. However, by analogy with the above-mentioned principles concerning the validity of such waivers, the Court considers that the first applicant's decision to accept the plea bargain should have been accompanied by the following conditions: (a) the bargain had to be accepted by the first applicant in full awareness of the facts of the case and the legal consequences and in a genuinely voluntary manner; and (b) the content of the bargain and the fairness of the manner in which it had been reached between the parties had to be subjected to sufficient judicial review.*"

L-ammissjoni tar-rikorrenti u l-patteġġjament tal-piena kienu volontarji u saru skont il-liġi u r-rikorrenti għandu jassumi r-responsabbilità kollha ta' dik id-deċiżjoni inkluz fejn si tratta ta' piena. Għalhekk, ma jistax r-rikorrenti bl-istanza tal-lum jittenta li jħassar il-proċess kriminali, kif del resto, qiegħed jitlob, meta mill-bidu sal-aħħar jirriżulta illi f'dak il-proċess

huwa ma kien bl-ebda mod privat mid-dritt għal smigħ xieraq kif tutelat mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni.

Fis-sottomissjonijiet tiegħu r-rikorrenti jgħid illi huwa 'kien intitolat' li jibbenifika mill-akkordju bejn iż-żewġ pajjiżi sabiex ikompli jiskonta l-pieni karċerarji tiegħu l-Libja. Madanakollu, huwa ma ressaq l-ebda prova li kellu xi dritt għal dan il-benefiċju kif qiegħed jippretendi. Lanqas ma ressaq prova sabiex jissostanzja l-allegazzjoni tiegħu li inbidlu l-kriterji ta' dan it-trattat riċentement b'dan illi huwa safa ineliġibbli biss wara li ammetta l-akkużi quddiem il-Qorti.

Kif jispjega ix-xhud Abraham Zammit, li kien jokkupa l-kariga ta' direttur tal-ħabs, wara li l-priġunier japplika għal trasferiment skont it-trattat, it-talba tiegħu ma kienitx tiġi awtomatikament milqugħa imma din kienet tkun biss il-bidu ta' proċess sħiħ ta' evalwazzjoni fejn id-deċiżjoni finali tittieħed minn Bord appożitu. Ċertament li mhuwiex il-każ li r-rikorrenti għandu xi dritt li jiskonta l-piena l-Libja.

Fl-ebda stadju r-rikorrenti ma ġie mwiegħed illi jekk jammetti l-akkużi huwa ser ikollu dritt illi jiskonta l-piena l-Libja kif donnu qiegħed jippretendi. Li qalulu l-uffiċjali tal-ħabs kien illi sakemm għad għandu kawżi pendenti, ma kienx eliġibbli sabiex jibbenifika mit-trattat bejn il-Gvern Malti u dak Libjan, imma ma kellu l-ebda aspettattiva leġittima li dment li jammetti ser jintbagħat il-Libja.

Għaldaqstant, din il-Qorti ma tistax tara kif ir-rikorrenti seta' safa 'żvijat u indott' kif qiegħed jippretendi. Żgur mhux mill-Prosekuzzjoni jew mill-Qorti u lanqas minn xi uffiċjal tal-ħabs. Jekk ir-rikorrenti għażel li jippatteġġja l-piena biss għaliex f'moħħu kellu li ser jiġi trasferit f'ħabs il-Libja sabiex jiskonta l-piena hemm, ta' dik id-deċiżjoni jrid jerfa' r-responsabbiltà hu u mhux jattakka l-proċeduri kriminali fuq il-bażi li ma ngħatax smigħ xieraq.

Il-Qorti tteni li r-rikorrenti gawda mill-garanziji proċedurali kollha li jridu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Meta ammetta għall-akkużi wara l-patteġġjament huwa kien megħjun minn avukat, kien ben konsapevoli tal-konsegwenzi tal-ammissjoni

tiegħu u ma jistax jargumenta li din kienet b'xi mod kondizzjonata kif qiegħed jippretendi.

Finalment, il-Qorti żżid tgħid li jidher li l-ħtija ma nstabitx biss abbazi tal-ammissjoni tiegħu, anzi jidher almenu fi tnejn mit-tlett kawżi kien hemm provi oħra li setgħu jinkriminaw lir-rikorrenti, fosthom is-sejbien tad-droga in kwistjoni.

Tenut kont ta' dan kollu, f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda nuqqas fil-proċeduri li jwassal għal-leżjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti għal smigħ xieraq. Għalhekk, din il-Qorti taqbel mal-intimat li l-ebda waħda mill-garanziji tas-smigħ xieraq tar-rikorrenti ma ġiet leża u għaldaqstant, l-ilmenti tiegħu kollha taħt l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni qegħdin jiġu miċħuda.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt illi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Avukat Ġenerali, tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

L-ispejjez tal-kawza jithallas mir-rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG